

32003R2170

L 326/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

13.12.2003

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2170/2003**tat-12 ta' Diċembru 2003**

li jgħaqqad Regolament (KE) No 701/2003 li jstabilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) No 2286/2002 li jikkonċerna l-arranġament applikabbli għall-importazzjoni ta' ċerta laħam tat-tiġieġ u prodotti tal-bajd li joriġina fl-Istati ta' l-Africa, Carribeu, Stati tal-Paċifiku (Stati ACP)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq l-organizzazzjonijiet komuni fuq is-suq tal-bajd ⁽¹⁾ b'mod partikolari l-Artikolu 3 ta' dan,

Wara li kkunsidrat Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq organizzazzjonijiet komuni tas-suq tal-laħam tat-tiġieġ ⁽²⁾ b'mod partikolari l-Artikolu 3 ta' dan,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-kunsill (KE) No 2286/2002 ta' l-10 Diċembru 2002 guq l-arranġamenti applikabbli ta' prodotti agrikoli u prodotti li jirriżultaw mill-proċess ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fl-Istati ta' l-Africa, Caribeu u Stati tal-Paċifiku (Stati ACP) u li tannulla Regolament (KE) Nru 1706/98 ⁽³⁾, u b' mod partikolari l-Artikolu 5 ta' dan,

Billi:

- (1) Żball instab fl-Artikolu 2 u l-Anness I tar Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 701/2003 ⁽⁴⁾ u fejn huma kkonċernati l-verżjonijiet franċiżi u griegi fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 1. Il-konnessjonijiet neċessarji għandhom għalhekk ikunu magħmula.
- (2) Il-miżuri f'dan ir-regolament huma bi ftehim ma' l-opinjoni mal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam tat-Tiġieġ u Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 701/2003 huwa hawnhekk ikkoreġut kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2, is-sentenza tal-bidu hija mibdula b'dan li ġej:
"It-tariffa kwota annwali li hemm referenza għaliha fl-Anness I mqiegħda kif ġej:"
2. L-Anness I għar-Regolament huwa mibdul bl-anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Jikkonċerna biss il-verżjoni Franċiża.

Artikolu 3

Jikkonċerna biss il-verżjoni Griega.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta ssir il-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 12 Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.05.03, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77. Regolament kif emendat l-aħħar (KE) No 806/2003.

⁽³⁾ ĠU L 348, tal-21.12.2002, p. 5.

⁽⁴⁾ ĠU L 99, tas-17.04.2003, p. 32.

L-ANNEX

"L-ANNEX I

Prodotti b'riferenza għalih fl-Artikolu 1(3) ta' l-anness II għar Regolament (KE) Nru 2286/2002 li jikkwalifika għat-tnaqqis fid-dazju taħt il-kwota

Nru fl-Ordni	Quota Nru	Kodiċi tan-NM	Reduction in dwana (%)	Kwantità kull sena (tunnellati)
09.4024	Q3	0207	65	400
09.4025	Q4	1602 31 1602 32 1602 39	65	500"